# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 28 ta' Gunju 2017

Rikors Guramentat Nru. 286 / 15RGM

Kawza fil-lista: 23

**A B C f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' bintha minuri D C, u b'digriet datat 23 ta' Dicembru 2015 giet mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri D C**
**vs**
**E F; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

DIKJARAZZJONI

1. Illi l-esponenti kienet f'relazzjoni intima mal-intimat E F, liema relazzjoni damet ghal madwar sena, u li minnha twieldet il-minuri D C nhar l-ghaxra (10) ta' Ottubru, tas-sena Elfejn u Hmistax (2015) hekk kif jixhed l-Att tat-Twelid;

2. Illi l-esponenti u l-intimat E F, m'humiex u qatt ma kienu mizzewgin;

3. Illi kif jinizulta mill-Att tat-Twelid tal-minuri D C, fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier" hemm imnizzel il-kliem "Unknown Father";

4. Illi l-intimat, mistoqsi mir-rikorrenti biex l-imsemmija minuri titnizzel b'mod ufficjali, fic-Certifikat tat-Twelid u fid-dokumenti kollha relattivi bhala bintu, u allura huwa jigi rikonoxxut bhala missier il-minuri, huwa rrifjuta minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

5. Illi inoltre, interpellat ufficjalment permezz ta' Ittra Ufficjali datata it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru, elfejn u hmistax (2015) sabiex jersaq biex jirrikonoxxi lil bintu minuri D C, huwa baqa' ma rrispondiex;

6. Illi tenur dak kollu premess il-minuri D C ma tipposjediex stat ta' filjazzjoni konformi mal-Att tat-Twelid taghha ;

7. Illi ghalhekk jehtieg li ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier" billi jitnizzel isem l-intimat E F minflok il-kliem "Unknown Father";

8. Illi l-fatti msemmija huma kollha a diretta konoxxenza tal-esponenti.

RAGUNI TAT-TALBA

1. Illi l-esponenti kienet f'relazzjoni intima mal-intimat E F, liema relazzjoni damet ghal madwar sena, u li minnha twieldet il-minuri D C nhar l-ghaxra (10) ta' Ottubru, tas-sena Elfejn u Hmistax (2015) hekk kif jixhed l-Att tat-Twelid;

2. Illi l-esponenti u l-intimat E F, m'humiex u qatt ma kienu mizzewgin;

3. Illi kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tal-minuri D C, fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier" hemm imnizzel il-kliem "Unknown Father";

4. Illi l-intimat, mistoqsi mir-rikorrenti biex l-imsemmija minuri titnizzel b'mod ufficjali, fic-Certifikat tat-Twelid u fid-dokumenti kollha relattivi bhala bintu, u allura huwa jigi rikonoxxut bhala missier il-minuri, huwa rrifiuta minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

5. Illi inoltre, interpellat ufficjalment permezz ta' Ittra Ufficjali datata it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru, elfejn u hmistax (2015) sabiex jersaq biex jirrikonoxxi lil bintu minuri D C, huwa baqa' ma rrispondiex;

6. Illi tenur dak kollu premess, il-minuri D C ma tipposjediex stat ta' filjazzjoni konformi mal-Att tat-Twelid taghha;

7. Illi ghalhekk jehtieg li ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier" billi jitnizzel isem l-intimat E F minflok il-kliem "Unknown Father";

8. Illi l-fatti msemmija huma kollha a diretta konoxxenza tal-esponenti.

TALBIET
Jghid ghalhekk l-intimat E F ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

i. Prevja kull ordni li din l-istess Onorabbli Qorti joghgobha taghti, tiddikjara illi l-intimat E F huwa l-missier tal-minuri D C, u dan anke wara li din l-istess Onorabbli Qorti joghgobha, jekk jidhrilha mehtieg, tinnomina periti esperti;

ii. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-minuri D C, bin-Numru ta' Iskrizzjoni 5192, fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier" fejn illum hemm il-kliem "Unknown Father" jitnizzel isem l-intimat E F;

iii. Tordna illi kunjom il-minuri D jigi registrat bhala "F";

iv. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-minuri D u f'kull Att iehor tal-istat civili tal-imsemmija minuri b'dan illi jigi indikat il-kunjom "F" minflok "C".

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat E F, minn issa stess ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut E F li taqra kif gej:-

1. Illi l-ewwel talba hi kontestata, u r-rikorrenti trid tissodisfa l-elementi kollha mehtiega skont il-ligi biex jigi ppruvat li l-intimat hu l-missier naturali ta' D C. Sakemm ma ssirx din il-prova, din it-talba m'ghandhiex tigi akkolta.

2. Illi t-tieni u t-tielet talbiet huma konsegwenzjali ghall-ewwel talba u ghalhekk l-ezitu ta' dawn it-talbiet huma marbuta mad-decizjoni li ser taghti din l-Onorabbli Qorti dwar l-ewwel talba.

3. Illi l-intimat gie rinfaccjat bl-allegazzjoni li hu l-missier tal-minuri mertu tal-kawza biss ricentement u lanqas kellu l-icken idea tat-twelid

taghha. Inoltre, l-esponent wiegeb ghall-ittra ufficcjali tar-rikorrenti li taghha saret referenza fir-rikors promotur permezz ta' nota intavolata fl-atti tal-istess ittra bin-numru 14/2015. Ghalhekk, u kif ukoll ghal ragunijiet ohra li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-esponenti m'ghandux ibati spejjez gudizzjarju, jkun xi jkun l-ezitu tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi in linea preliminari, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tinnomina kuraturi ad litem sabiex jirraprezentaw lil-minuri D C skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni rigward il-paternita' tal-minuri D C huwa jirrimetti ruhhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkoncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 15 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, 1-esponent jistieden lil konvenut E F sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu, permrezz ta' nota li tispecifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-identita tieghu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta` tieghu meta twieldet il-minuri D C, (4) Il-post tat-twelid tieghu, (5) Il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) Isem u kunjom ta' missieru u (7) Jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet il-minuri D C. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-fuq riferita minuri D C, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv ta' hamest elef, mija, tnejn u disghin (5192) tas-sena elfejn u hmistax (2015);

4. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, nonostante li r-rikorrenti diga esprimiet ix-xewqa taghha fir-rikors promotur u indikat fit-talbiet taghha li tixtieq illi 1-minuri D C tibda tassumi l-kunjom'F', l-esponent xorta jhoss illi l-partijiet kontendenti ghandhom jicideciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tibda tassumi l-imsemmija minuri D C a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi minghajr hsara ghas-suespost, l-esponent jirrileva li sabiex ikun hemm bdil f'kull att iehor tal-istat civili, hekk kif gie propost fir-raba' talba tar-rikors in risposta, ir-rikorrenti ghandha tispecifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat civili li hija qieghda taghmel riferenza ghalihom;

6. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghas-suespost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat ir-rikors tal-attrici tas-16 ta' Dicembru 2015, li permezz tieghu talbet lill-Qorti sabiex tinnominaha bhala kuratrici ad litem tal-minuri D C, biex b'hekk giet sorvolata l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Dicembru 2015 li permezz tieghu laqghet it-talba attrici sabiex tigi nominate kuratrici ad litem tal-minuri.

Rat in-nota tal-attrici a fol 37 tal-process, li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess.

Rat in-nota ta' Dr Marisa Cassar a fol 45 tal-process li permezz taghha pprezentat rapport tad-DNA li jiccertifika li E F hu l-missier naturali tal-minuri, l-affidavit tal-esperta gudizzjarja, kopja ta' l-ID Cards tal-attrici u tal-konvenut E F, u ritratt tal-minuri.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**L-Azzjoni**

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob illi ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid de quo u minflok il-kliem “unknown father” jitnizzel isem il-konvenut E F.

L-azzjoni attrici hija msejsa fuq l-**Artikolu 86A** tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi illi:

*(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*

L-**Artikolu 70A** tal-Kap. 16 jipprovdi illi:-

*(1)Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel -*
*(a) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel;*
*(b) l-omm tista' teħtieġ lill-missier u lit-tifel;*
*(ċ) it-tifel jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u*
*(d) l-allegat missier naturali jista' jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.*

*(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun.*

*(3) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad it-talba sakemm il-kjarifika tirriżulta f'effett kontrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak it-tifel minuri, ukoll meta wieħed jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika.*

**Provi**

Permezz ta' digriet moghti fis-17 ta' Frar 2016 il-Qorti innominat lil Dr Marisa Cassar bhala espert gudizzjarju sabiex thejji rapport tad-DNA. B'hekk giet sorvolata wkoll it-tieni eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Kemm fin-nota responsiva tieghu ghall-ittra ufficjali tal-attrici, kif ukoll fir-risposta guramentata tieghu il-konvenut issottometta li kien necessarju li jigu sodisfatti l-elementi kollha mehtiega skont il-ligi, inkluz billi jsir it-test tad-DNA sabiex il-paternita' tieghu tigi certifikata xjentifikament.

Fit-12 ta' April 2016 Dr Marisa Cassar ipprezentat ir-rapport tad-DNA li jiccertifika illi l-konvenut E F huwa l-missier naturali tal-minuri D C.

Fl-affidavit taghha (fol 38), l-attrici tixhed hekk:

*“Nghid illi jiena kont f'relazzjoni ma' E F u din ir-relazzjoni kienet damet numru ta' xhur. Niftakar li bdejna r-relazzjoni ta' bejnietna bejn wiehed u iehor f'nofs is-sena Elfejn u Erbatax (2014) imma ma nafx id-data ezatt.*

*Nghid li wara ftit xhur li kien ilna f'relazzjoni jien u E, gifieri fi Frar tas-sena Elfejn u Hmistax (2015) jien kont indunajt li hrigt tqila. Hekk kif gieni dan id-dubju jien kont ghamilt il-pregnancy test li fil-fatt ikkonferma li jien kont tqila.*

*Nghid ukoll li hekk kif ikkonfermajt li kont tqila jien mal-ewwel ghidt lil E peress li ovvjament konna f'relazzjoni flimkien u peress li jien mieghu biss kont f'relazzjoni intima f'dak iz-zmien.*

*Niftakar li kif ghidtlu lil E li kien se jkollna tarbija, ghall-ewwel deher mahsud imma fl-istess hin qalli hu lest jerfa' responsabbilta'.*

*Inzid li minn meta ghidtlu bl-ahbar tat-tqala, E kien ikun hemm drabi fejn kien ikun jidher irrabjat mieghi. Fil-fatt kien isemmi liz-zewgt ulied 1-ohra li jiena ghandi li huma registrati taht "missier mhux maghruf" u bhal jirrabja mieghi ghax lilu ridtu li jirrikonoxxi li kien missier it-tarbija li kiqnet gejja fid- dinja. Dan kollu sehh fl-ewwel xhur tat-tqala ghax wara ftit E temm ir relazzjoni ta' bejnietna bla kliem u bla sliem u kull darba li nipprova naghmel kuntatt mieghu qatt ma jtini wicc.*

*Nghid illi jien bqajt kontinwament nipprova naghmel kuntatt ma' E peress li jien certa li hu missier D. Kont nibqa' nipprova naghmel kuntatt mieghu mhux biex nergghu nibdew ir-relazzjoni li kellna imma biex jidhol f'hajjet it-tarbija li wara kollox hi bintu, imma kien kollu ta' xejn u qatt ma rrispondieni. Tul it-tqala kont inzommu infurmat bir-records medici tat-tarbija u anke kont nibghatlu l-ultra sounds li kien ikolli, u affarijiet ohra. Kont ukoll ikkuntattjajtu biex insaqsieh x'tip ta' demm huwa ghandu minhabba t-tilqim ta' matul it-tqala, izda ghal darb' ohra ma ried qatt itini wicc.*

*Nghid ill! tul it-tqala jien kont naf ukoll li E kien f relazzjoni ma' tfajla ohra, certu Yanika u issoponejt li ghalhekk ma riedx jaf bit-tarbija u mhux ghax verament kellu xi dubju jekk din hiex tieghu.*

*Niftakar li 1-ahhar li bghattlu kien video ghall-jiem tal-ewwel tas-sena fejn D tidher ferhana u dahqana, biex forsi jithajjar u jibda jiehu interess fiha izda ghalkemm jidher li rah, E ma rrisponda xejn u ghal darb'ohra kkonferma li assolutament ma jridx jaf bit-tifla.*

*Nghid li sforz in-nuqqas t'interess min-naha ta' E, jien kelli bilfors niftah kawza biex allura tohrog il-verita' u cioe' li hu missier binti D."*

Il-konvenut ma pprezenta ebda provi jew sottomissjonijiet f'din il-kawza.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fl-isfond ta' dak kollu hawn fuq riportat, gie ppruvat sodisfacentement illi l-konvenut E F huwa l-missier bijologiku tal-minuri D u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Rigward ir-rimanenti eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, jinghad illi dwar il-konnotati tal-konvenut E F skont it-tielet eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti ser tipprovdi iktar 'l isfel.

Rigward il-kunjom li ghandha tassumi l-minuri, in vista tat-tielet talba attrici, u tal-fatt li l-minuri ghadha ta' eta` tant tenera, l-Qorti ser tiddeciedi illi din ghandha tassumi kunjom missierha 'F.'

In kwantu l-attrici esebiet l-att tat-twelid tal-minuri (fol 5), li fih hemm indikat in-numru progressiv tieghu (5192) u s-sena (2015), il-hames eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku qed tigi sorvolata.

Dwar il-kap tal-ispejjez, il-Qorti takkolji s-sitt eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku illi huwa ma ghandux jehel spejjez gudizzjarji. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi l-konvenut F kellu kull dritt jesigi illi qabel jaghmel dikjarazzjoni li huwa missier il-minuri jsir test tad-DNA. Ghalhekk l-ispejjez ghandhom jigu sopportati nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut E F.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposti tal-konvenuti bil-mod kif hawn deciz,

1. Tilqa t-talbiet attrici kif dedotti.

2. Tordna lill-konvenut E F sabiex zmien gimgha mil-lum jipprezenta fl-atti ta' din il-kawza b'notifika lid-Direttur, Registru Pubbliku, nota guramentata bid-dettalji kollha indikati fit-tielet paragrafu tar-risposta guramentata tad-Direttur, Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez in kwantu ghal nofs jithallsu mill-attrici A B C u in kwantu ghan-nofs l-iehor jithallsu mill-konvenut E F.

**Imhallef** **Deputat Registratur**